**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Mejju, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 960/2019 AF**

**Fl-Atti tal-Mandati ta' Sekwestru:**

**449/16**
**Christian Borg**
**vs**
**Raymond Bezzina, Graziella Bezzina u R. Bezzina Car Hire Company Limted (C17654)**

**638/16**
**Michael Attard Limited (C32362)**
**Vs**
**Raymond Bezzina u Maria Dolores Bezzina**

**1323/16**
**Tapram Limited**
**Vs**
**Raymond Bezzina u R. Bezzina Car Hire Company Limited (C17654)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Frank Borda Limited li permezz tieghu l-Qorti ntalbet tordna li l-vetturi bin numru ta' registrazzjoni CQZ 709, EQZ 837, EQZ 846 u HQZ 363 jigu rilaxxati favur l-esponenti u ma jibqghux milquta mill-mandati ta' sekwestru fuq imsemmija.

Rat ir-risposta ta' Michael Attard Limited.

Rat ir-risposta ta' Christian Borg.

Rat li, Tapram Limited, minkejja li giet debitament notifikata, baqghet ma ressqet ebda twegiba.

Ikkunsidrat illi l-vetturi de quo kienu soggetti ghal ftehim ta' hire purchase bejn Frank Borda Limited u s-sekwestrati fil-mandati citati.

Bhala soggeti ghal tali ftehim il-proprjeta tal-istess vetturi qatt ma ghaddiet ghand id-debituri, tant li gew effettivament ritornati lil sidhom.

Il-Qorti tirreferi ghal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-Atti tas-Subbasta 27/17, fejn dawn il-fatti diga gew giudizzjarjament konfermati. Il-Qorti tirreferi ukoll fil-kuntest ghas-sentenzi Regina Auto Dealer vs Miller Distributors (30 ta' Mejju, 2002) kif ukoll Galea vs Buhagiar (2 ta' Awissu, 2016).

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li l-vetturi bin-numri CQZ 709, EQZ 837, EQZ 846, u HQZ 363 m'ghandhomx jibqghu milquta bil-mandati ta' sekwestru 449/16, 638/16 u 1323/16, u ghandhom jigu rilaxxati lill Frank Borda Limited.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF